# Karta numru **2**

## 1. SINONIMI - Ikteb kelma oħra li tfisser l-istess bħall-kelma b'sing taħtha:



Kull sena r-raħal tagħna jiċċelebra l-festa ta' Santa Marija. Din iċ-ċelebrazzjoni tiġi fil-15 t'Awwissu. (**Folol**) ________________ kbar ta' nies jiġu jżuru r-raħal tagħna għall-attivitajiet tal-festa. It-tfal ikollhom il-(**btajjel**) ____________________ tas-sajf allura jistgħu jipparteċipaw iktar fl-attivitajiet li jsiru. Aħna (**nżejnu**) __________________ r-raħal kollu għall-okkażjoni. Għalija, l-isbaħ tiżjin jibqa' dak ta' (**Strada**) _______________ Sant'Anna. Il-qofol taċ-ċelebrazzjonijiet jintlaħqu meta fil-(**jum**) ___________________ tal-festa noħorġu l-istatwa tal-Madonna madwar it-toroq (**tal-villaġġ**) ____________________________ tagħna.

## 2. Għaqqad l-artiklu mal-partiċella u iktibhom fil-vojt:



1. L-għalliem ħa lill-istudenti fuq żjara edukattiva (sa + il-) _____________ belt il-qadima (ta' il-) ____________ Birgu.
2. (Fi + il-) __________ Birgu l-għalliem dawwar lill-istudenti (ma' is-) __________ siti li għandhom importanza storika.
3. Belt qadima oħra hija dik (ta' + il-) _____________ Imdina.
4. L-Imdina kienet il-belt kapitali tal-Gżejjer Maltin (fi + iż-) __________ żminijiet l-imgħoddija.



5. (Ġo + l-) ___________________ Imdina l-istudenti tgħidx kemm raw postijiet interessanti, fosthom raw il-Katidral iddedikat lil San Pietru u San Pawl, il-Palazz tal-Gran Mastru De Vilhena u s-swar li jdawru l-Belt Siekta.


© tony pace uffiċjal edukattiv